MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Numru 356/2005

**PULIZIJA**
**SUPERINTENDENT SILVIO VALLETTA**
**SPETTUR ANTHONY AGIUS**
**VS**
**ALISTAIR CAMILLERI**
**MATTHEW VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alistair Camilleri, ta’ 25 sena iben John u Concetta xebba Grima, imwieled Pieta’ nhar 15 ta’ Frar 1980, residenti numru 14 Triq il-Kuncizzjoni Marsa jew numru 10, Sqaq 1, Triq id-Duluri, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 150180(M). Matthew Vassallo ta’ 19-il sena iben Paul u Josephine xebba Lia, imwieled Pieta’ nhar l-14 ta’ Jannar 1986, residenti numru 23 Triq San Pietru u San Pawl, Isla jew Blk 16B numru 3 Flat 1 Triq il-Gendus Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 89486(M).

Illi huma akkuzati talli:

a. Nhar il-21 ta’ April 2005, f’dawn il-Gzejjer, ghal habta ta’ siegha ta’ filghodu, ikkommettew serq ta’ flus minn fond “Sorreda Hotel” sitwat fi Triq Andrew Cunnigham, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur li jaccedi l-mitt lira maltin, u li sar ghad-detriment ta’ Alfred Fenech;
b. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Farrugia u lil Paul Mamo, impjegati ta’ Sorreda Hotel, kontra l-volonta’ taghhom;
c. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu reat, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
d. Nhar l-24 ta’ Dicembru 2004, f’dawn il-Gzejjer, matul il-lejl ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom, deheb u armi tan-nar, minn fond “Gold Finch” sitwat fi Triq Guze Muscat Azzopardi, Qormi, liema serq hu kwalifikat, bil-mezz, hin, lok u valur li jaccedi l-elf Lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ George Falzon;
e. Nhar l-24 ta’ Dicembru 2004 u xhur ta’ wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
f. Fil-lejl ta’ 22 ta’ April 2005 u 23 ta’ April 2005, f’dawn il-Gzejjer assocjaw ruhom bil-ghan li jaghmlu reat u cioe serq ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, bil-hin u bil-valur li jiskorri Lm1,000 (elf Lira Maltin) minn fond Jessie’s Bar sitwat fi St. Andrew’s;
g. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar cioe’ senter tal-marka Pietro Beretta bin-numru ta’ serje C03515B, u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
h. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara inzul ix-xemx garrew arma tan-nar cioe’ senter tal-marka Pietro Beretta bin-numru ta’ serje C03515B, u munizzjon;

i. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garrew arma tan-nar u cioe' senter tal-marka Pietro Beretta bin- numru ta' serje C03515B, ikkargat u li ma kienx fl-ghata tieghu, f'post abitat, f'distanza ta' inqas minn 50 (hamsin metru);

**Lil Alistair Camilleri wahdu akkuzat:**

j. Talli fil-lejl ta' bejn 22 ta' April 2005 u 23 ta' April 2005, f'dawn il-Gzejjer wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni instabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu; **(Artikolu 287 tal-Kap.9)**

k. Talli fit-22 ta' April 2005 u xhur ta' qabel rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula; **(Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9)**

**Lil Matthew Vassallo wahdu akkuzat:**

l. Talli fil-lejl ta' bejn 22 ta' April 2005 u 23 ta' April 2005, f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-marka Ford Escort ta' registrazzjoni JAT 262, bla kont, u b'manjiera traskurata u bla kont u kien ta' periklu ghal terzi persuni;

m. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAT 262 f'post li huwa regolat b'sinjali ta' dawl ta' traffiku, saq l-imsemmija vettura meta dawl kien qieghed jixghel ahmar jew amber.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali datat 12 ta' Jannar 2009 (a fol.330), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 10 ta' Gunju 2009 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta b'mod specjali ghax-xhieda tas-Superintendent Silvio Valletta (ara fol.13 et seq.) jirrizulta illi huwa kien gie nfurmat illi l-Mobile Unit tal-Pulizija kienu segwew karozza bin-numru tar-registrazzjoni JAT 262 tal-marka Escort, minhabba l-manuvri suspettuzi ta' l-istess karozza u maghtul dan il-*pursuit* PS 1021 Joseph Urpani ra l-passiggier ta' din il-karozza jarmi senter isserrat u borza. Meta l-karozza giet intercettata mill-Pulizija fejn il-*bypass* ta' l-Imriehel u passiggieri arrestati, l-Pulizija marru fuq il-post fejn gew mormija dawn l-oggetti fuq imsemmija u sabu senter u borza kontenenti balaklavi u ngwanti. Superintendent Valletta xehed illi l-imputat Matthew Vassallo kien is-sewwieq ta' din il-karozza waqt li l-imputat Alistair Camilleri kien fuq il-*front passenger seat*, b'Darren Gilford fuq il-parti ta' wara tal-*passenger seat*.

Alistair Camilleri, fl-istqarrija tieghu Dok.SV (a fol.17 et seq.) ghazel illi ma jirrispondi ebda domanda li saritlu.

Matthew Vassallo, fl-istqarrija tieghu (Dok.SV1 a fol.20 et seq.) stqarr illi huwa kien jaf lill-imputat Camilleri il-ghaliex kienu jahdmu flimkien ghal xi sentejn qabel l-incident. Huwa qal illi dakinhar ta' l-incident huwa kien bil-karozza tieghu JAT 262 Escort, illi meta sab il-karozza tal-Pulizija warajh, din xeghelet il-*beam*, hu, li kien is-sewwieq tal-vettura, ma waqafx. Dana ghaliex Alistair u Darren qalulu biex ikompli jsuq minhabba li wiehed minnhom kellu xi haga fil-pussess tieghu u Matthew beza' u ma riedx jehel maghhom. L-imputat Matthew Vassallo, fl-istqarrija tieghu, jinnega illi ra lil Alistair Camilleri jidhol fil-karozza tieghu b'xi haga f'idejh u ma kienx jaf illi Alistair Camilleri rema xi oggetti barra mill-karozza il-ghaliex hu (Matthew) kien qed isuq. Fil-lejl in kwistjoni, Matthew Vassallo u Darren Gilford (li jigu minn xulxin u li jghixu vicin xulxin) kienu hargu biex jiehdu flixkun birra mill-*bar* li jismu "The Saints"

li jinstab fl-Imriehel. Matthew innega illi huwa kien ha sehem f'*hold up* f'lukanda f'San Pawl il-Bahar. Mistoqsi dwar il-lieva li nstabet fil-karozza tieghu, Matthew Vassallo kkonferma li dik l-ghodda kienet tieghu.

Darren Gilford (a fol.30) xehed is-segwenti:

*"Konna jiena, Matthew Vassallo u Alistair, morna sa Tas-Sliema, jien inzilt niekol, u tlajna gol-karozza normali hux, u ahna u sejrin gie dan il-vann tal-Pulizija warajna, u xeghelu d-dawl biex jghaddi, u Matthew Vassallo qabad isuq gas down. U baqghu jigru sa fejn it-triq ta' l-Imriehel. Alistair rema' skufi u senter, hargu minn taht id-dash board, u kif konna ghaddejjin l-Imriehel, sakkruna l-Pulizija, u Alistair qallu ibqa' sejjer. Matthew qallu le, waqaf u rema' skufi ohra, u nizzluna l-Pulizija minn gol-karozza."*

Darren Gilford xehed illi Alistair Camilleri kien hajjar lilu lil Matthew Vassallo biex jahdmu "bicca xoghol". Gilford irrifjuta izda Vassallo dahal ghaliha. Gilford xehed illi Matthew kien dahal fis-saghatejn ta' filghodu (2:00a.m.) dak il-lejl u l-ghada fl-ahbarijiet sema' illi kien twettaq *hold up*. Meta sema' l-ahbarijiet, Matthew kien ikkummenta illi dak il-*hold up* kien twettaq minn Gharab. Gilford talbu jghidlu x'kien qed jaghmel fis-saghtejn ta' filghodu (2:00a.m.) l-lejl ta' qabel u Matthew irrispondieh illi kien qed ikahhal. Darren Gilford xehed illi Alistair Camilleri kien qal lil Matthew Vassallo biex ma jinsiex igib l-iskratac mieghu. Gilford xehed illi Oreste' (habib ta' Matthew) kif, fil-fatt, tah zewgt iskratac. Darren Gilford (a fol.31) pero', gharaf lil Oreste' bhala l-persuna ta' Alistair Camilleri. Gilford ikkonferma illi dakinhar ta' l-incident hu u Matthew Vassallo kienu telghu flimkien u li wara kien rikeb maghhom Alistair, illi kellu borza f'idejh, li xehitha taht id-*dash board* tal-karozza.

PS 1021 Joseph Urpani xehed illi waqt li kienu qedin mghajjta biex jassistu fuq kaz iehor, kienu xeghelu l-*beam* u s-sirena. Waqt illi kienu ghaddejjin mill-*bridge* ta' Manoel Island, innota illi l-karozza kienet qeghedha taghmel manuvri suspettuzi. Ghaldaqstant iccekja n-numru tal-

karozza mas-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija u rrizulta illi l-karozza ma kinitx misruqa. Din il-karozza kien fiha zewg passiggieri u sewwieq illi kollha bdew jitbaxxew u jipprovaw jistahbu mill-Pulizija, ghaldaqstant il-Pulizija ddecidew illi jsegwuhom, xeghelu s-sirena, izda l-karozza ma waqfitx, anzi ziedet fl-*ispeed* u bdiet *car chase*. Kif waslu hdejn l-iskola ta’ Umberto Kolosso, huwa ra xi oggetti jigu mormija mill-karozza. Meta waslu fil-*bypass* ta’ l-Imriehel, il- JAT 262 Escort injorat it-*traffic lights* tant illi kienet ser tahbat ma’ zewg karozzi ohra sakemm giet intercettata mill-karozza tal-Pulizija ohra. It-tlett guvintur gew arrestati.

PC 1256 ikkonferma illi s-Surgent Urpani (a fol.37 et seq.) tah struzzjonijiet sabiex jaghmel tfittxija hdejn l-iskola ta’ Umberto Kolosso ghal xi oggetti li ntremew fil-karozza involuta fic-*chase*. Ikkonferma illi fit-triq ta’ quddiem il-Qorti tal-Minorenni, ezattament fl-entratura, il-Pulizija sabu senter issegat u borza li gew elevati mis-*Scene of Crime Officers*. Ftit metri ‘il boghod PC 1256 sab balaklava ma’ l-art. Meta waslu s-*Scene of Crime Officers*, fethu l-borza u ra li din kienet tikkontjeni balaklava ohra.

Marica Fenech (a fol.61) ezebit zewg processi verbali (Dok.MF u Dok.MF1).

George Falzon (a fol.66) ikkonferma illi Lejliet il-Milied huwa kien hareg ghal habta tad-disgha u nofs ta’ bil-lejl (9:30p.m.) u meta rritorna lura d-dar fil-hdax neqsin kwart (10:45) sab ir-residenza tieghu “Gold Finch House”, Guze’ Muscat Azzopardi Street, Hal Qormi, sgassat u nsterqu erba’ (4) snieter fost oggetti ohra li huma elenkati a fol.66. is-snieter wahedhom kienu jiswew madwar elf lira Maltin (Lm1,000) u kienu tal-marka Breda Super Deluxe u Beretta. Gie muri Dok.A a fol.28 u kkonfermah.

Dr. David Camilleri (a fol.69) ikkonferma r-relazzjoni tieghu kontenuta fil-process verbal Dok.MF1 (a fol.11).

A fol.94, Spettur Anthony Agius ikkonferma illi huwa kien xoghol mal-*Mobile Squad* fit-23 ta’ April u li fuq ir-*radio* tal-Pulizija sema’ bic-*chase* illi kienet qed titwettaq fuq il-

karozza Escort JAT 262. Ghaldaqstant l-Ispettur Agius acceda ghal fabbrika tas-'*Seven Up'* fejn sab illi l-karozza kienet diga' intercettata mill-Pulizija biz-zewg imputati u zaghzugh iehor arrestati waqt li fuq ir-*radio* kien segwa wkoll istruzzjonijiet ta' membri tal-Pulizija ohra illi kienu ordnati jigbru l-oggetti li gew mixhuta 'il barra mill-karozza fic-*chase*. L-Ispettur Agius gharaf liz-zewg imputati. Ix-xhieda ta' l-Ispettur (a fol.96) hija addirittura *hearsay evidence*.

PS 154 Jesmond Cassar, Espert Ballistiku, (a fol.98) ikkonferma illi huwa ezamina senter fi Triq San Guzepp, Santa Venera, indikat lilu mill-Pulizija distrettwali. Dan is-senter kien ikkargat b'zewgt iskracat. Huwa kien skargah u ghaddieh lil tas-*Scene of Crime Officers*.

PC 1525 Patrick Farrugia kkonferma r-relazzjoni tieghu (a fol.31 tal-process verbal immarkat Dok.MF1) konsistenti f'sett ritratti ta' serqa tal-fond "Gold Finch" Triq G. Muscat Azzopardi, Qormi.

WPC 96 Joanne Gerada (a fol.102) kkonfermat li l-imputati, Matthew Vassallo u Alistair Camilleri, ma ghandhom licenzja biex izommu jew igorru arma tan-nar u ezebiet Dok.Z1 u Dok.Z2

PC 191 Luke Bugeja kkonferma illi, fuq istruzzjonijiet moghtija lilu, huwa kien irnexxielu jintercetta karozza li fiha kien hemm iz-zewg imputati u kkonferma x-xhieda tieghu li tidher a fol.35 tal-process verbal Dok.MF wara li din giet moqrija lilu.

Ix-xhieda ta' Alistair Camilleri (a fol.108) u ta' John Camilleri (a fol.111 et seq.) kienet rilevanti ghal prova tal-mezzi ta' l-imputat Camilleri ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-liberta' provizorja.

Paul Mamo (a fol.113), *receptionist* mas-Sorreda Hotel, xehed illi fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' April 2005 kien dahal fuqu ragel mammad b'balaklava u guvni iehor li kellu senter f'idejh, liema senter tqieghed f'kuntatt fiziku ma' Mamo u nghatat ordni biex jikkonsenja l-flus kollu fil-

pussess tieghu. Mamo ghadda lil halliel is-somma ta’ sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650). Mamo xehed illi, *receptionist* mieghu kien hemm ukoll Joseph Farrugia.

Joseph Farrugia (a fol.115 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta’ Paul Mamo u qal illi meta kien qed jirritorna mill-*area* tal-*lounge* tal-hotel, gie rinfaccat minn ragel mammad u armat b’pistola li qieghed l-istess pistola ma’ zaqqu. Huwa tant infixel illi apparti illi setgha jara illi l-arma kienet tip ta’ senter, ma seta’ jaghti ebda informazzjoni ulterjuri.

Spettur Maria Stella Attard (a fol.142) ikkonfermat ir-rapport tas-serqa tal-fond “Gold Finch” Triq G. Muscat Azzopardi, Qormi, ta’ l-24 ta’ Dicembru 2004. Hija xehedet li l-kwerelant kien inghata informazzjoni minn persuni li xtaqu jibqghu anonimi illi kien hemm tlett persuni go vettura sewda u li kienu wettqu dan ir-reat. Din ix-xhieda wkoll hija *hearsay evidence*.

Therese Bonnici (a fol.152) xehedet fuq il-komportament ta’ Alistair Camilleri fis-*Sheltered Work Scheme* f’*Mount.Carmel Hospital*.

A fol.157 giet ezebita licenzja ta’ erba’ (4) armi tan-nar f’isem George Falzon.

Therese Bonnici kompliet tixhed fuq il-komportament ta’ Alistair Camilleri (a fol.152), kif ghamlet ukoll Miriam Zammit (a fol.164).

PS 644 Ivan Camilleri pprezenta r-relazzjoni tieghu (a fol.A186) konsistenti f’sett ritratti (a fol.195et seq.).

Perit Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni tieghu Dok.RA (a fol.17 tal-process verbal Dok.MF).

Superintendent Silvio Valletta (a fol.198) ezebixxa sentenza ta’ l-imputat Alistair Camilleri (Dok.SV4 a fol.199 et seq.).

PC 1261 Charles Pace kkonferma r-relazzjoni tieghu (Dok.KMRI) li jinstab a fol.38 tal-process verbal ezebit a fol.182 ta' dawn l-atti.

Maria Dolores Fenech ezebiet process verbal (Dok.DF).

Brian Farrugia (a fol.209) ikkonferma l-vettura **JAI 262** kienet il-vettura ta' l-imputat Matthew Vassallo fiz-zmien indikat fl-akkuza.

Superintendent Silvio Valletta (a fol.210) irrinunzja bil-gurament ghax-xhud Brigadier Calleja u ghal Robert Cardona.

A fol.208, id-Difiza ta' l-imputat Alistair Camilleri ezentat lill-Prosekuzzjoni mix-xhieda ta' l-identita' tas-sentenza ezebita.

Espert Richard Aquilina ezebixxa Dok.RA (a fol.218) u kkonferma l-istess relazzjoni. Aquilina (a fol.271) ikkonferma r-relazzjoni tieghu tal-*hold up* tas-"Sorredda Hotel" datat 21 ta' April 2005 u s-sejba ta' senter datat 23 ta' April 2005 fil-process verbal li jinstab a fol.182

PC 198 Arthur Debattista kkonferma (a fol.273) r-relazzjoni tieghu fil-process verbal dwar *hold up* fis-"Sorreda Hotel"

PS 1525 Patrick Farrugia (a fol.275) ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol.3 tal-process verbal ta' serqa minn "Gold Finch" G. Muscat Azzopardi Street, Qormi.

Superintendent Silvio Valletta ezebixxa zewg certifikati tat-twelid taz-zewg imputati (a fol.279 u fol.280)

Spettur Michael Mallia (a fol.281) ikkonferma semplicement illi, meta saret il-*hold up*, huwa kien *Night Patrol Officer* u kkonferma illi kien mar fuq il-post.

PS 154 Jesmond Cassar (a fol.293) rega' kkonferma xhieda li kien diga' ta.

Alfred Fenech (a fol.295), sid il-hotel “Sorreda”, Qawra, ikkonferma l-*hold up* illi kien sar fuq il-haddiema tieghu fil-hotel u li s-serqa kienet madwar sebgha jew tmien mitt Lira Maltin (Lm700-Lm800) u li huwa kien ghamel ir-rapport lil Pulizija.

Spettur Ramon Cassar (a fol.297) ikkonferma illi huwa kien acceda lejn il-hotel “Sorreda”, wara li kienet saret *hold up*, li kien informa lil Magistrat ta’ l-Ghassa, li gew nominati diversi esperti u kkonferma r-rapport tieghu (a fol.205).

Brigadier Maurice Calleja kkonferma illi huwa qatt ma kien gie notifikat bin-nomina tieghu.

Robert Cardona (a fol.316) kkonferma illi lanqas hu ma kien gie notifikat bin-nomina tieghu.

Ikkonsidrat:

Illi mil-provi fuq imressqa ma jirrizulta xejn illi jista’, b’xi mod, jallaccja l-imputati mal-*hold up* illi sehhet fis-“Sorreda Hotel” fil-21 ta’ April 2005. dan qieghed jinghad il-ghaliex ix-xhieda ta’ Darren Gilford hija nebuluza wisq biex wiehed jista’ jserrah sejbien ta’ htija fuqha. Dan qieghed jinghad il-ghaliex Gilford, f’ebda mument, ma jasserixxi illi Vassallo qallu illi kien wettaq *hold up* fis-“Sorreda Hotel”. Illi, di piu’, dan huwa xhud illi kien akkompanja liz-zewg imputati u kien prezenti fic-*chase* tal-Pulizija u ghaldaqstant hemm, altru minn dubbju ragonevoli, dwar il-motivazzjoni tax-xhieda tieghu.

Illi apparti mix-xhieda konfuza immens ta’ Gilford (fejn f’nifs wiehed isemmi lil certu Oreste’ li suppost kien **habib iehor** taghhom, li allegatament ghadda zewgt iskratacc lil Matthew Vassallo u f’nifs iehor idur fuq l-imputat Alistair Camilleri u jiddentifikah bhala Oreste’), ma hemm ebda xhieda forensika illi tallacja din il-*hold up* ma’ l-imputati.

Il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni ma pproducietx ebda mpronti digitali jew palmari li gew sodisfacentement

ikkomparati ma' dawk ta' l-imputati, jew xi rizultati ta' DNA fuq il-balaklavi li b'xi mod allaccjaw l-imputati, jew almenu wiehed minnhom, ma' l-ewwel tlett akkuzi, cioe dawk illi jirrigwardaw il-*hold up* tas-"Sorreda Hotel".

Ghal rigward tar-raba' (4) akkuza u cioe s-serqa minn "Gold Finch" Guze Muscat Azzopardi Street, Qormi, fil-fehema tal-Qorti, din lanqas ma giet ipprovata, stante' li ebda prova skond il-Ligi ma tressqet biex tallaccja lill-imputati ma' din is-serqa. Dak illi qal il-kwerelant lill-Ispettur Agius ma huwa xejn hlief *hearsay evidence*.

L-istess, pero', ma jistghax jinghad dwar il-hames (5) akkuza, cioe ricettazzjoni tar-res furtiva tas-serqa tal-"Gold Finch" Guze Muscat Azzopardi Street, Qormi. Dan qieghed jinghad il-ghaliex jirrizulta ampjament illi Alistair Camilleri tela' fil-karozza ta' Matthew Vassallo b'borza illi zamma taht id-*dash board* fil-*front passenger seat* tal-karozza ta' Vassallo u hemm xhieda sgjaccanti illi kien l-imputat Camilleri illi rema senter isserrat vicin ta' l-iskola Umberto Kolosso, liema arma kienet provenjenti minn serqa ta' erba' (4) snieter, fost affarijiet ohra, mill-"Gold Finch" xi ftit xhur qabel.

Din il-Qorti hija tal-fehema illi ghandha tezamina l-kuncett ta' *recent possession* f'kaz ta' arma li giet mormija mill-imputat Alistair Camilleri, liema arma nsterqet ftit anqas minn erba' (4) xhur qabel.

Il-kuncett Ingliz ta' *recent possession* gie addottat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) fl-ismijiet **Pulizija vs. Emanuel Seisun u Puis sive Pio Micallef** per Imhallef Onor. Vincent De Gaetano LL.D.:

*"There appears to have been widespread misundestanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that*

*where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be aso directed: see* ***R. vs Loughlin,*** *35 Cr. App.R.65;* ***R. vs Seymour****, 38 Cr.App.R.68. This of course applies equally to thefts other then in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In* ***R. vs Smythe****, 72.Cr.App.R.8C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from* Cross on Evidence, 5th ed., p.49 (now 8th ed.p.35): *"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of*

*circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with other available evidence" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);*

*U aktar 'il quddiem jinghad:*

*What constitutes "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case...In* ***R vs. Smythe****…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgement said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence." (para.21-320)"*

Din il-Qorti hi tal-fehema illi m'hijiex xi haga facli li snieter, li huma licenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija u li ghandhom *serial numbers* u li huma incizi fil-metall, ibiddlu l-idejn u ghaldaqstant, f'kaz ta' armi tan-nar, erba' (4) xhur jaqa' fil-perametri ta' *recent possession*.

Mill-provi prodotti, pero', din il-Qorti hija tal-fehema illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-hames akkuza fil-konfront ta' Matthew Vassallo. Dan qieghed jinghad il-ghaliex l-imputat Vassallo ta spjegazzjoni shiha fl-istqarrija tieghu, fejn ikkonferma li hu ma kienx jaf illi l-imputat Camilleri kellu fil-pussess tieghu arma u li huwa harab minn fuq il-post il-ghaliex beza', **wara** li Alistair Camilleri nsista mieghu illi kellu jsuq minhabba li kellu fil-pussess tieghu xi haga llegali.

Ghal rigward tas-sitt (6) akkuza, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tiprova, sal-grad rikjest mill-Ligi, fil-Ligi Kriminali.

Ghal rigward tas-seba' (7), t-tmien (8) u d-disa' (9) akkuza, l-Prosekuzzjoni rnexxielha tiprova, sal-grad rikjest, dawn it-tlett akkuzi fil-konfront ta' Alistair Camilleri,

izda mhux fil-konfront ta’ Matthew Vassallo ghal ragunijiet diga’ fuq indikati.

Ghal rigward ta’ l-ghaxar (10) akkuza, din il-Qorti ma tistghax issib htija fl-imputat Alistair Camilleri, stante’ li l-lieva li nsabet fil-karozza kienet tappartjeni lil Matthew Vassallo u mhux lil Alistair Camilleri.

Ghal rigward tal-hdax (11)-il akkuza, cioe dik ta’ recidiva, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-Prosekuzzjoni pprovat tali akkuza sodisfacentement bl-ezebizzjoni ta’ sentenza (Dok.SV4 a fol.199 et seq.) abbinat ma’ l-ezenzjoni tad-Difiza ghal prova ta’ l-identita’, kif jirrizulta mill-verbal li jinstab a fol.208

Ghal rigward tat-tnax (12) u tlettax (13)-il akkuza, fil-konfront ta’ Matthew Vassallo, din il-Qorti hi tal-fehema illi dawn iz-zewg akkuzi gew ipprovati manifestament mid-diversi Pulizija illi xehedu dwar ic-*chase* illi saret mill-Pulizija ghal wara l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAI 262. Jidher b’mod aktar evidenti illi l-imputat Vassallo beza’ mill-Pulizija, saq b’mod veloci u perikoluz, tant li baqa’ jsuq minkejja illi t-*traffic lights* kienu homor fi sforz biex jahrab mill-Pulizija b’konsegwenza li zewg karozzi ohra kienu ser jahbtu fih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat **Alistair Camilleri**, mhux hati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), r-raba’ (4), tas-sitt (6) u l-ghaxar (10)-il akkuza li minnhom tilliberah, hati tal-hames (5), tas-seba’ (7), tat-tmien (8), tad-disa’ (9) u tal-hdax (11)-il akkuza u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 31, 334 u 279(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 2 u 3(1A) tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat Alistair Camilleri ghal sentejn u nofs prigunerija** li minnha ghandu jitnaqqas il-perijodu illi l-imputat ghamel f’arrest preventiv. In oltre’, tikkundannah ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex ihallas l-ispejjez inkorsi f’perizji f’dan il-kaz.

In oltre’, il-Qorti ssib lill-imputat **Matthew Vassallo** mhux hati ta’ l-ewwel disa’-il akkuza li minnhom tilliberah, hati

tat-tnax (12) u t-tlettax (13)-il akkuza u wara li rat Artikoli 15(1)(a)(2) u 32 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 125 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta/Avviz Legali 128.1994 u Artikolu 54 u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat Matthew Vassallo ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena** u tissosspendi l-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perijodu ta' sentejn mid-data tal-lum.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-eta' giovanili ta' l-imputati, l-fedina penali refrettarja ta' l-imputat Alistair Camilleri, l-fedina penali nadifa ta' Matthew Vassallo, mehud in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi Matthew Vassallo, fil-mori tal-kawza, sofra minn *overdose* ta' drogi, b'konsegwenza li gew amputati riglejh aktar 'il fuq mill-irkoppa u jinstab konfinat f'*wheelchair*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------